

vetturi bil-mutur, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġislazzjoni nazzjonali li jkollha bħala effett li teskludi, b'mod awtomatiku, l-obbligu tal-assiguratur li jikkompensa vittma ta' inċident tat-traffiku meta dan l-inċident ikun ikkawżat minn sewwieq li ma huwiex assigurat skont il-polza ta' assigurazzjoni u din il-vittma, passiġġier fil-vettura fil-mument tal-inċident, ikollha assigurarazzjoni sabiex issuq din il-vettura u tkun awtorizzata lis-sewwieq isua tali vettura.

- (2) Ir-risposta għall-ewwel domanda ma hijiex differenti, skont jekk il-vittma assigurata kellhiex għarfien jew le tal-fatt li l-persuna li hija awtorizzata issuq kellhiex assigurarazzjoni sabiex tagħmel dan, jekk kinitx temmen li tali persuna kellha assigurarazzjoni u jekk ħasbitx jew le f'dan ir-rigward.

(<sup>1</sup>) ĠU C 346, 18.12.2010

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-1 ta' Diċembru 2011 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Unabhängiger Finanzsenat, Außenstelle Linz (L-Awstrija) — Immobilien Linz GmbH & Co KG vs Finanzamt Freistadt Rohrbach Urfahr**

(Kawża C-492/10) (<sup>1</sup>)

(Tassazzjoni — Direttiva 69/335/KEE — Taxi indiretti — Ġbir tal-kapital — Artikolu 4(2)(b) — Operazzjonijiet suġġetti għad-dazju fuq il-kapital — Żieda fl-assi — Provista ta' servizzi minn soċju — Assorbiment tat-telf bis-saħħa ta' impenn mogħti qabel)

(2012/C 32/18)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

#### Qorti tar-rinviju

Unabhängiger Finanzsenat, Außenstelle Linz

#### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Immobilien Linz GmbH & Co KG

Konvenuta: Finanzamt Freistadt Rohrbach Urfahr

#### Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Unabhängiger Finanzsenat, Außenstelle Linz — Interpretazzjoni tal-Artikolu 4(2)(b) tad-Direttiva tal-Kunsill 69/335/KEE, tas-17 ta' Lulju 1969, li tikkonċerna taxxi indiretti fuq il-ġbir tal-kapital (Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 11) — Operazzjonijiet suġġetti għad-dazju fuq il-kapital — Żieda tal-assi ta' kumpannija b'kapital azzjonarju — Inklużjoni possibbli f'dawn l-assi tal-impenn min-naħa ta' korp pubbliku, li huwa l-uniku soċju ta' din il-kumpannija, li jassumi t-telf tagħha

#### Dispożittiv

L-Artikolu 4(2)(b) tad-Direttiva tal-Kunsill 69/335/KEE, tas-17 ta' Lulju 1969, li tikkonċerna taxxi indiretti fuq il-ġbir tal-kapital, kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 85/303/KEE, tal-10 ta' Ġunju 1985, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-assorbiment tat-telf ta'

kumpannija minn soċju bħala eżekuzzjoni ta' impenn li dan tal-aħħar ikun daħal għalih qabel ma jkun ġie sostnut it-telf, u dan unikament sabiex jiżgura l-kopertura ta' dan it-telf, ma jżidx l-assi ta' din il-kumpannija

(<sup>1</sup>) ĠU C 13, 15.1.2011.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tal-1 ta' Diċembru 2011 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Franċiża**

(Kawża C-515/10) (<sup>1</sup>)

(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 1999/31/KE — Deċiżjoni 2003/33/KE — Leġislazzjoni nazzjonali — Landfill għal skart inerti — Aċċettazzjoni ta' skart tas-siment tal-asbestos)

(2012/C 32/19)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

#### Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Rozet u A. Marghelis, aġenti)

Konvenuta: Ir-Repubblika Franċiża (rappreżentanti: G. de Bergues u S. Menez, aġenti)

#### Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Traspożizzjoni inkorretta tal-Artikolu 2(e), tal-Artikolu 3(1) u tal-Artikolu 6(d) tad-Direttiva tal-Kunsill Nru 1999/31/KE, tas-26 ta' April 1999, dwar ir-rimi ta' skart f'terraferma (landfill) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 4, p. 228) u tad-dispożizzjonijiet tal-anness tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/33/KE, tad-19 ta' Diċembru 2002, li tistabbilixxi l-kriterji u proċeduri għall-aċċettazzjoni ta' skart f'terraferma (landfill) artifiċjali skont l-Artikolu 16 ta' u l-Anness II tad-Direttiva 1999/31/KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 7, p. 314) — Leġislazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi kategorija ta' skart "inerti u perikoluż", li ma ssegwix id-direttiva — Rimi ta' skart tas-siment tal-asbestos f'landfill

#### Dispożittiv

- (1) Billi ma adottatx il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex tiżgura li l-iskart tas-siment tal-asbestos jiġi ttrattat f'landfills xierqa, ir-Repubblika Franċiża naqset milli tawtaq l-obbligi tagħha taħt id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 2(e), 3(1) u 6(d) tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE, tas-26 ta' April 1999, dwar ir-rimi ta' skart f'terraferma (landfill), kif ukoll taħt id-dispożizzjonijiet tal-anness tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/33/KE, tad-19 ta' Diċembru 2002, li tistabbilixxi l-kriterji u proċeduri għall-aċċettazzjoni ta' skart f'terraferma (landfill) artifiċjali, skont l-Artikolu 16 ta' u l-Anness II tad-Direttiva 1999/31.

- (2) Ir-Repubblika Franċiża hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 30, 29.1.2011.